MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

L-EWWEL PARTI TAS-SEDUTA NRU. 20

27 ta' Mejju 2014

Minuti ta' l-Ewwel Parti tas-seduta Nru. 20 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li talab bil-kitba li jiġi skużat minħabba li kien impenjat bl-elezzjoni tal-Membri Parlamentari Ewropej. Il-ħatra ta' l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ kienet għadha ma saritx wara li skada t-terminu ta' Sinjorina Raquel Cutajar. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono irreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 19 mingħajr emendi. Is-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt. Is-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Attivita` mid-dilettanti tal-muturi (A/6/3/1 Vol 82)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.7.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Pulizija tad-Distrett irrispondew li ma jsibux oġġezzjoni għall-ħruġ tal-permess sakemm:

(a) Triq il-Kbira titħalla miftuħa f'kull ħin waqt l-attivita`;

(b) Isiru tabelli *No Parking* fil-parti ta' Triq l-Għoljiet li ser tingħalaq (bejn Triq l-Etna u Triq in-Naħal);

(c) Jitpoġġew *barriers* fi Triq in-Naħal k/m Pjazza Thomas Spratt sabiex ma joħroġx traffiku lejn Triq il-Kbira;

(d) Il-konsum ta' xorb alkoħoliku u daqq ta' mużika isir biss fl-istabbiliment fejn ser issir l-attivita`; u

(e) Jinġieb is-servizz ta' Pulizija jew Gwardjani Lokali fi: Triq in-Naħal k/m Pjazza Thomas Spratt; Triq il-Kbira k/m Triq in-Naħal; u fi Triq l-Etna k/m Triq il-Kbira.

2.1.3. Is-Segretarju qal ukoll li Transport Malta ġiet infurmata bit-talba.

2.1.4. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ il-permess bil-kundizzjonijiet (a) sa (e) aktar 'il fuq, kif ukoll li l-attivita` tispiċċa sal-11.00pm.

### 2.2.1. *Queen's Baton Relay* (A/5/3/Vol XIII)

2.2.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti dwar l-avveniment imsemmi, li żvolġiet fil-Mellieħa fit-8 ta' Mejju 2014. Huwa kompla jgħid li din marret tajjeb ħafna, skont kif kien ippjanat, bil-konkorrenza tat-tfal tal-Iskola Primarja, il-plajers tat-tim tan-netball u atleti mill-Mellieħa Athletic Club.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Festival Internazzjoni tal-Mużika (A/5/3/4)

2.3.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-programm tal-attivitajiet tqassam fil-lukandi u d-djar kollha tal-Mellieħa, filwaqt li ngħatat pubbliċita` fit-*Tune-In Magazine* li huwa kkalkulat li għandu ċirkolazzjoni ta' bejn 35,000 u 40,000. Is-Sur C. Bartolo qal ukoll li dakinhar tas-seduta saret konferenza stampa fl-uffiċċju tas-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, li ġiet indirizzata mill-Onor. Stefan Buontempo u minnu.

2.3.3. Ġie propost ukoll li bħala preżentaturi tat-tliet serati jkun hemm is-Sinjuri Jesmond Fenech (il-Ġimgħa); Romina Borg (is-Sibt); u Janice Bartolo (il-Ħadd). Is-Sur C. Bartolo qal li l-kontenut tal-programm kien ġie finalizzat u ser ikun kif ġej:

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 30 ta' Mejju | Kunċert mill-Banda u l-Korr Imperial<br><br>Kunċert mill-Eynsford Concert Band<br><br>*Mass Band* miż-żewġ baned imsemmija |
| Is-Sibt 31 ta' Mejju | Kunċert mill-Banda La Vittoria<br><br>Kunċert mill-Korr tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa<br><br>Kunċert mill-grupp mużikali Xs5 magħmul minn Geoffrey Farrugia, Kyle Drakard, Ryan Portelli, Jasmine Abela u Ryan Paul Abela<br><br>Ikun hemm *buffet* mill-Mellieħa Youths li l-qliegħ minnu jmur għall-vjaġġ tal-morda lejn Lourdes. |
| Il-Ħadd 1 ta' Ġunju | Filgħodu jkun hemm attivita` għat-tfal f'Misraħ il-Parroċċa organizzata mill-Mellieħa Youths<br><br>Filgħaxija jkun hemm kunċert mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina biex ifakkar l-għaxar anniversarju mill-ftuħ tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija<br><br>Kunċert mill-Band JAMM<br><br>Ikun hemm bejgħ ta' ikel u xorb mill-Mellieħa Youths |

2.3.4. Il-Kunsill approva l-arranġamenti proposti.

### 2.4.1. Tħejjijiet għall-Proġett "*Bringing the EU Closer to the Local Communities*" (P/10/24)

2.4.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-sejħa għall-offerti sabiex jingħata servizz ta' akkomodazzjoni, ikel u faċilitajiet għall-konferenza

b'rabta ma' dan il-proġett għalqet fis-16 ta' Mejju 2014. Is-Sur C. Debono qal ukoll li kien hemm żewġ offerenti li kkwotaw kif jidher hawn taħt:

| Item | Deskrizzjoni | Unit | Kwantita` | Total inkluża VAT (€) | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 3sixtymeet-ings Ltd | Bloom Consultancy Services Ltd |
| 1 | *Single room accomodation on bed & breakfast basis between the 7th & 11th August 2014* | Nru. | 8 kmamar x 4 iljieli | 1,920.00 | 3,232.00 |
| 2 | *Double room accomodation on bed and breakfast basis between 7th & 11th August 2014* | Nru. | 32 kmamar x 4 iljieli | 10,944.00 | 14,848.00 |
| 3 | *Triple room accomodation on bed and breakfast basis between 7th & 11th August 2014* | Nru. | 16 kmamar x 4 iljieli | 7,488.00 | 10,176.00 |
| 4 | *Serving of buffet dinner on the 7th August 2014* | Pax | 130 | 2,600.00 | 2,600.00 |
| 5 | *Serving of buffet dinner on the 8th, 9th and 11th August 2014* | Pax | 130 | 10,400.00 | 10,400.00 |
| 6 | *Provision of conference facilities between the 7th & 11th August 2014 with set up including a head table, PA system, projector and a seating capacity of 150 persons* | Jiem | 4 | 1,330.00 | 1,800.00 |
| 7 | *Serving of coffee breaks during the conference morning sessions between the 8th and 11th August 2014.* | Jiem | 130 x 4 days | 1,014.00 | 2,860.00 |
| | | | Total | 35,696.00 | 45,916.00 |

2.4.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*bid bond* ipprovduta minn Bloom Consultancy Ltd kienet inqas mit-tliet xhur kalendarji mitluba fid-dokument tal-offerta. Min-naħa l-oħra ġie nnutat li ż-żewġ offerenti ssottomettaw il-Formoli tal-Offerta; in-*Non-Collusive Tendering Certificates* u d-Dikjarazzjoni dwar Xogħol Prekarju, kif mitlub.

2.4.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li l-baġit tal-Kunsill fuq dan il-proġett huwa €20,000, filwaqt li l-ammont li għandu jiġi rkuprat mill-Unjoni Ewropea huwa €17,000. Huwa fakkar li issa l-Kunsill huwa kommess mad-delegati dwar id-dati tal-avveniment, li uħud minnhom diġa bbukkjaw il-vjaġġ bl-ajru. Minħabba din ir-raġuni, il-Kunsill m'għandux triq oħra ħlief li jkompli miexi bl-għoti tal-kuntratt u jagħmel rijallokazzjoni fl-Estimi tal-Kunsill għas-sena kurrenti. Huwa qal li attwalment qed titħejja applikazzjoni sabiex il-Kunsill jingħata finanzjament addizzjonali taħt il-Fond ta' Kofinanzjament amministrat mill-Gvern Ċentrali u wieħed jittama li anke minn hemm tiġi rkuprata parti mill-ispiża.

2.4.5. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li s-sejħa għall-offerta ma saritx kmieni biżżejjed biex l-ispiża tkun magħrufa, u hekk il-vot tal-proġett seta jiġi ffissat minn qabel u għalhekk il-Kunsill kien ikun iktar f'posizzjoni li jippjana u jiddeċiedi b'mod aktar trankwil.

2.4.6. Is-Segretarju rrakkomanda li r-rijallokazzjoni ta' fondi għal dan il-proġett issir mill-vot 3370 tal-Attivitajiet Kulturali, bil-għan li ma jiġux affettwati obbligi rikorrenti u/jew proġetti oħra li għandu l-Kunsill, li m'humiex ta' natura kulturali.

2.4.7. Fid-dawl tat-tagħrif u d-diskussjoni li żvolġiet aktar 'il fuq, il-Kunsill iddeċieda li l-offerta ta' Bloom Consultancy Ltd għandha tiġi rifjutata, primarjament a bażi tal-prezz, kif ukoll minħabba r-raġuni mogħtija fil-minuta 2.4.3. aktar 'il fuq. Min-naħa l-oħra l-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lil 3sixtymeetings Ltd.

## 2.5.1. Sessjonijiet tal-*Aerobics* fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa ( E/3/3/1/11)

2.5.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 4.5.3. tas-seduta ta' qabel u talab li jiġi rreġistrat il-fatt illi l-Kunsill kien unanimu fid-deċiżjoni li ttieħdet dwar il-waqfien tas-sessjoni tal-*aerobics* għall-anzjani fl-aħħar tal-Mejju 2014.

2.5.3. Il-Kunsill ikkonferma l-pożizzjoni kif deskritta fil-minuta 2.5.2., aktar 'il fuq.

## 2.6.1. Skema dwar Tagħlim Tul-il Ħajja (E/3/1/Vol III)

2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.9.2. tas-seduta preċedenti u għarrfet li saret applikazzjoni sabiex ikun jista' jitkompla l-kors tal-Malti għall-Barranin, filwaqt li jiġu ntrodotti oħrajn ġodda tat-Taljan, l-Ispanjol u l-*aerobics* minn Ottubru 2014. Kemm-il darba jkun hemm konkorrenza biżżejjed, isiru taħt l-iskema *Lifelong Learning*.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. Tħejjijiet għal AvventuraSajf 2014 (E/3/4/Vol XIII)

2.7.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.7.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li t-tħejjijiet għall-AvventuraSajf kellhom jitwaqqfu hekk kif id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni ħabbret li ser tintroduċi l-proġett Klabb 3-16. Dan ser isir bejn is-7 ta' Lulju u s-17 ta' Settembru 2014, bejn it-8.30am u n-12.30pm. Hija staqsiet dwar il-fehma tal-Kunsill fid-dawl ta' dan l-iżvilupp.

2.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-proġett AvventuraSajf2014 għandu jieqaf minħabba r-raġunijiet segwenti:

- L-ispażju li hemm fl-iskola ser jittieħed kollu bil-proġett Klabb 3-16 u l-istudenti barranin li jiġu jistudjaw l-Ingliż;
- Il-miżata ta' €120 li kien jitlob il-Kunsill ma tistax tikkompeti ma' dik ta' €25 li ser tintalab għal Club 3-16;
- Mhux vijabbli titnaqqas il-miżata billi fl-edizzjoni ta' AvventuraSajf2013 il-Kunsill kellu joħroġ sussidju ta' €2,385, minkejja li l-miżata kienet €120;
- L-etajiet li kien ikopri l-proġett AvventuraSajf, bejn Kinder 1 u Year 3, issa ser ikunu nklużi fil-Klabb 3-16.

2.7.4. Minkejja dan, bi ftehim mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, ser ikunu qed jittieħdu l-applikazzjonijiet u l-ħlas fl-uffiċċju tal-Kunsill, għall-konvenjenza ta' ġenituri tat-tfal li ser jattendu Klabb 3-16, biex wara jittieħdu fl-Iskola Sekondarja taż-Żokrija fil-Mosta, fejn ser jiġu pproċessati.

## 2.8.1. Korsijiet għat-tfal matul il-perjodu tas-Sajf (E/3/1/Vol III)

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 18.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li l-għalliema tal-fiżiċa, Malti u Ingliż interessati li jagħtu lezzjonijiet matul ix-xhur tas-Sajf fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill qed jistennew €5.00 kull sessjoni ta' siegħa u nofs.

2.8.3. Il-Kunsill qabel li r-rata msemmija hija raġġjonevoli, iżda jkun aħjar li ssir sejħa għall-interess fost għalliema li jgħallmu s-suġġetti ndikati u oħrajn.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 22/05/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 25/04/14 – 22/05/14;

- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti Riveduti – Laqgħa dwar Proġetti Kapitali li għandhom jiġu proposti lill-Gvern Ċentrali – 05/04/14;
- Rapport tal-*Contracts Manager* – Jannar – Marzu 2014
- Ittra ta' Direzzjoni *(Management Letter)* għas-Sena Finanzjarja 2013
- Rendikont Finanzjarju – Jannar – Marzu 2014

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Devoluzzjoni ta' proprjeta` fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa (A/6/7)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 29 ta' April 2014, mibgħuta lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali mid-Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjeta`, fejn il-Kunsill ġie mistoqsi x'użu qed jipproponi li jsir minn kamra ndikata bħala Tenement E26228. Is-Segretarju fakkar li din il-proprjeta` kienet issemmiet f'ittra datata 19 ta' Novembru 2011, li l-istess direttorat kien bgħat lill-Bord tat-Tmexxija tal-Park tal-Majjistral, fejn kien intqal li din kienet ingħatat lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

4.1.3. Is-Sindku qal li attwalment il-Bord qed jiddiskuti x'użu ser jingħata lid-diversi binjiet li hemm fiż-żona tal-Park tal-Majjistral.

4.1.4. Fuq proposta tas-Sur J. Buttigieg, il-Kunsill qabel li l-proprjeta` in kwistjoni tintuża bħala post fejn ikun hemm materjal b'informazzjoni dwar il-lokalita`, li jista` jitqassam lill-pubbliku illi jżur il-park.

### 4.2.1. Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fi Triq l-Għoljiet k/m Triq in-Naħal (T/4/10)

4.2.2. Saret referenza għal petizzjoni datata 17 ta' April 2014, li ġiet iffirmata minn residenti li joqgħodu qrib l-istabbiliment Billy's Music Club. L-istess residenti qed joġġezzjonaw għall-applikazzjoni li saret lill-MEPA - PA 1126/14 - li tinvolvi t-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fil-post imsemmi hawn fuq. L-oġġezzjoni qed tiġi bbażata fuq l-inkonvenjent li allegatament ġie kkawżat fi tmien snin bil-kant u daqq ta' mużika u diskors b'volum għoli.

4.2.3. Saret referenza wkoll għal petizzjoni oħra mill-klijenti tal-imsemmi stabbiliment fejn qed jappellaw sabiex il-permess mitlub jinħareġ mill-MEPA sabiex wieħed ikollu l-opportunita` li jgawdi x-xemx mal-ġurnata, filwaqt li dawn t-tip ta' faċilitajiet għandhom jiġu nkoraġġiti ħalli jitkattar in-negozju u għal benefiċċju tal-lokalita`.

4.2.4. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni, sakemm:

- jitħalla passaġġ wiesgħa 1.5 metri bejn il-bini u l-għamara proposta;
- l-imwejjed u siġġijiet ma jitqiegħdux fil-karreġġjata; u
- id-daqq ta' mużika jsir biss fl-istabbiliment imsemmi.

### 4.3.1. Użu tal-Istemma tal-Kunsill Lokali (K/2/10)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat datat 6 ta' Mejju 2014, mibgħut mis-Sur Clifford Vella, fejn talab il-permess sabiex jistampa l-istemma tal-Kunsill fuq *key chains* b'ritratti tal-Mellieħa bl-iskop li jinbiegħu lit-turisti.

4.3.3. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni.

### 4.4.1. Żvilupp fi Triq Edmund Halley / Triq N. Copernicus (P/5/8/E)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 9 ta' Mejju 2014, mibgħuta mill-MEPA fejn intqal li l-pjanti dwar l-iżvilupp imsemmi hawn fuq kienu ġew riveduti. Il-Kunsill ġie mfakkar li oriġinarjament l-iżvilupp propost kien kopert bl-applikazzjoni PA 4557/10. Il-pjanti l-ġodda ġew sottometti permezz ta' applikazzjoni PA 0705/14.

4.4.3. Is-Sindku kkummenta li skont il-pjanti l-ġodda, l-iżviluppaturi naqqsu n-numru tal-*units*.

4.4.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li tinġieb l-opinjoni tal-*Contracts Manager* dwar il-possibilta` li jiġi approvat l-iżvilupp kif issa ġie mibdul.

4.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll il-proposta li saret fil-minuta 4.4.4. aktar 'il fuq.

### 4.5.1. Danni allegatament ikkawżati fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq San Publiju (D/5/Vol II)

4.5.2. Inqrat ittra datata mill-11 ta' Mejju 2014, mibgħuta mis-Sinjorina Elizabeth Pisani, fejn qed tallega li saret ħsara fit-*tyre* tal-vettura tagħha li tammonta għall-€58. Dan billi kien hemm biċċiet tal-ħadid imqabbeż 'il barra mill-kurduna tal-bankina.

4.5.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li mat-talba kien hemm mehmuża r-riċevuta tal-ispejjeż li saru, filwaqt li sar rapport mal-Pulizija bir-referenza 9/V/2082/2014. Intqal ukoll li minn spezzjoni li saret fuq il-post irriżulta li l-ħadid in kwistjoni kien twaħħal mill-operaturi tas-Salita Hotel sabiex iwaħħlu l-bnadar. Irriżulta wkoll li l-Kunsill ma ħareġ ebda permess biex jitwaħħlu l-bnadar imsemmija.

4.5.4. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li t-talba għandha tiġi mgħoddija lill-operaturi tal-Maritim Hotel Antonin & Spa.

### 4.6.1. Danni allegatament ikkawżati fuq il-moll f'Tal-Prajjet (D/5/Vol II)

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 27 ta' Mejju 2014 mibgħut mis-Sur Peter Aquilina dwar ħsara li ġarbet il-vettura (AAA873) tiegħu, meta waħda mir-roti tagħha ħabtet ma' kanna mwaħħla mal-wiċċ tal-moll imsemmi. Il-ħsara li saret kien tinvolvi spiza ta' € 55.

4.6.3. Minħabba l-ħsara li ġarrab dan il-moll bil-maltemp, tant li irrendiħ perikoluż, il-Kunsill kien tal-fehma li l-aċċess għaliħ għandu jingħalaq bil-blokki tal-konkos, fil-parti t'isfel. Il-Kunsill qabel ukoll li sakemm jiġi verifikat li d-dokumentazzjoni sottomessa mis-Sur Aquilina hija suffiċjenti, it-talba għandha tiġi milqugħa.

### 4.7.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq il-Marfa (T/3/3/Vol V)

4.7.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta' Mejju 2014, mibgħut mill-operatur ta' Maxima Lido sabiex jiġu allokati l-faċilitajiet imsemmi fi Triq il-Marfa, qrib l-istess stabbiliment, bejn it-8.00am u l-5.00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

4.7.3. Il-Kunsill osserva li l-*lay-by* li hemm biswit il-Maxima Lido kienet indikata bħala "*No Entry – Except to Render a Service*". Għaldaqstant kien hemm qbil li għandha tibqa' indikata hekk mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u l-5.00pm.

### 4.8.1. Wirja tal-arti fi Triq San Publiju (S/6/Vol III)

4.8.2. Inqrat ittra datata 14 ta' Mejju 2014, fejn l-Art Club 2000 Art & Craft Centre talab li ssir wirja tal-arti fit-triq imsemmija fil-jiem tal-Festa tal-Vitorja. Sar appell sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita` li ser tiżvolġi fi Triq San Publiju, bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Parroċċa.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jappoġġja din l-inizjattivi sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbisx €450.

### 4.9.1. Konferenza nazzjonali dwar l-isports (F/3/Vol XI)

4.9.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għal stedina datata 29 ta' Mejju 2014, mibgħuta mill-Onor. Robert Cutajar - Kelliem għall-Oppozizzjoni responsabbli miż-Żgħażagħ u Sport – għall-konferenza bit-tema "L-Isport f'Malta ... il-Pass li jmiss". Din ser issir fil-Kumpless Sportiv tal-Cottonera bejn is-6 u t-8 ta' Ġunju 2014.

4.9.3. Kien hemm qbil li bħala kunsillier responsabbli mill-isports, għandu jattendi s-Sur H. Fenech.

### 4.10.1. Servizzi socjali lill-anzjani (K/1/3/Vol II)

4.10.2. Il-Kunsilliera J. Attard irrefera għal imejl datat 7 ta' Mejju 2014, mibgħut mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Dizabilita` u Anzjanita` Attiva, fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa fi proġett pilota li permezz tiegħu *social worker* ser jattendi darba fil-ġimgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill għall-benefiċċju tal-anzjani dwar servizzi soċjali li jappartjenu lilhom. Fl-laqgħa li saret fil-15 ta' Mejju sar magħruf li l-intenzjoni hija s-*social worker* jibda jattendi mill-ewwel ġimgħa tal-Lulju 2014, kull nhar ta' Ħamis, bejn id-9.00am u 12.00am, u jistgħu anke jiġu nies minn lokalitajiet tal-qrib. Huwa meħtieġ li l-

kamra li tingħata jkollha telefon u kompjuter. Lokalitajiet oħra li ser ikunu qed jieħdu sehem huma l-Isla u Ħal-Qormi.

4.10.3. Minħabba l-privatezza li jirrikjedi dan is-servizz tal-anzjani, kif ukoll dak offrut kull nhar ta' Ġimgħa mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali, ġie deċiż li l-uffiċċju eżistenti għandu jiġi trasferit għal kamra oħra fit-tieni sular, fejn il-pubbliku jista' jistenna ġewwa, u l-kamra ndikata għandha bieb jingħalaq.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 22 ta' Mejju 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa li tkopri bejn l-25 ta' April u t-22 ta' Mejju 2014.

6.3. Is-Sindku rrefera għall-ħlas mitlub mill-Iskola Primarja tal-Mellieħa (044-05-14) b'rabta mas-servizz tal-*manager* u l-*caretaker* mqabbda biex sar il-kunċert tal-Għid mill-Banda Imperial organizzat mill-Kunsill. Huwa lmenta mill-fatt, li qed isir kuntatt dirett bejn l-istess għaqda u l-iskola, mingħajr ma l-Kunsill jiġi nfurmat bin-numru ta' siegħat mitluba biex isiru l-provi, l-armar tas-sala u għall-attivita` infisha. Is-Sur J. Buttigieg għaldaqstant irrakkomanda li l-għaqda għandha tinġieb konxja tal-ispiża li saret f'dan ir-rigward.

6.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku, filwaqt li approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda. Għaldaqstant kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

## 7.1. Rapport tal-*Contracts Manager* (K/9/Vol II)

7.2. Is-seduta ġiet sospiża sabiex il-Perit J. Attard – *Contracts Manager* – ressaq ir-rapport tiegħu dwar l-andament tal-kuntratti tas-servizzi li ta l-Kunsill permezz tal-kuntratturi tiegħu bejn Jannar u Marzu 2014. Is-Sur J. Attard iddeskriva l-andament tal-kuntratti segwent:

(a) Tindif ta' toroq urbani;

(b) Ġbir ta' skart domestiku u kummerċjali;

(c) Ġbir ta' skart ġoff;

(d) Tindif u żamma ta' latrini pubbliċi;

(e) Kustodja tal-Park tal-Familja;

(f) Manutenzjoni ta' toroq;

(g) Manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku;

(h) Żamma u tindif ta' ġonna pubbliċi;

(i) Tisqija u żamma ta' qsari f'Misraħ il-Parroċċa u postijiet oħra;

(j) Tindif ta' toroq mhux urbani.

7.3. Dwar is-servizz tal-ġbir tal-iskart goff, il-*Contracts Manager* ikkummenta li bil-kuntratt li daħal fis-seħħ fi Frar 2014, qed tinqala' problema sabiex jiġi kkwantifikat l-ammont ta' oġġetti li jiġu rrappurtati, partikularment meta ikunu żgħar. Għaldaqstant ġie rakkomandat sabiex il-kuntrattur jintalab jissottometti l-ewwel kont tiegħu ħalli jiġi evalwat kif qed tiġi trattata din il-materja min-naħa tiegħu.

7.4. Rigward is-servizz tal-latrini, il-*Contracts Manager* ikkummenta li n-nuqqas ta' *attendant* f'kull latrina qed ikollu effett fuq id-dehra tagħhom, u wieħed jistenna li matul ix-xhur tas-Sajf, is-sitwazzjoni tmur għal-agħar, partikularment fir-rigward ta' dawk li jinsabu fejn il-baħar. Huwa ppropona wkoll li jkun jagħmel sens jekk isiru laqgħat bejn il-kuntrattur u l-Kunsill fix-xhur tas-Sajf. Is-Sindku kkummenta li bil-preżenza kontinwa fil-lokalita` ta' *attendant* wieħed bejn Ottubru u Mejju, u bi tnejn matul ix-xhur tas-Sajf, jidher li l-problema illi kien hemm tjiebet, b'mod speċjali fir-Ramla tal-Mixquqa. Is-Sur J. Buttigieg

qal li huwa important illi n-nuqqasjiet li jkun hemm jiġu rrappurtati lill-Kunsill ħalli jiġu trattati mill-ewwel.

7.5. Fuq is-servizz tal-kustodju tal-Park tal-Familja, il-*Contracts Manager* stqarr li dan is-servizz miexi b'mod sodisfaċenti, iżda ġibed l-attenzjoni sabiex ikun infurmat bit-tibdil li jsir mill-Kunsill fil-mod kif isir ix-xogħol. Is-Sindku wieġeb li m'għandux ikun hemm problemi dwar dan, iżda aċċenna għall-fatt li fil-bidu kellhom jintalbu siegħat iżjed meta beda jiġi osservat li jkun hemm preżenza sinifikanti tal-pubbliku matul il-ġurnata meta t-tfal ma jkollhomx skola. L-azzjoni kellha tittieħed immedjatament sabiex jiġi żgurat li ma ssir ħsara lill-post. Is-Segretarju qal li qed jiġi rakkomandat li l-ħinijiet tal-kustodju għax-xhur ta' Ġunju, Settembru u Ottubru, għandhom jiġu avvanzati b'siegħa, kif jidher hawn taħt:

| **Xahar** | **Ħin stipulat fil-Kuntratt** | **Ħin propost** |
|---|---|---|
| Ġunju; Settembru; Ottubru | 6.00pm-11.00pm | 5.00pm-10.00pm |
| Lulju; Awwissu | 6.00pm-11.00pm | 6.00pm-11.00pm |

7.6. Fil-każ tal-ġbir tal-iskart domestiku u kummerċjali, il-*Contracts Manager* fakkar li qabel is-Sajf kienet issir spezzjoni fil-vetturi wżati għal dan is-servizz, sabiex jiġi żgurat li ma jixxerridx il-likwidu li jinġemgħa fihom. Għaldaqstant huwa rrakkomanda li l-kuntrattur jintalab ċertifikat minn inġinier għal dan il-għan qabel jibda s-Sajf.

7.7. Rigward il-kuntratt tal-ġonna, is-Sindku kkummenta li l-Kunsill qed jintalab jissupplixxi kontinwament ilma għat-tisqija matul ix-xhur tas-Sajf. Huwa talab lill-*Contracts Manager* sabiex jivverifika r-rekwiżiti stabbiliti fil-kuntratt relattiv.

7.8. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill approva l-proposti msresqa.

## 8.1. Ittra ta' Direzzjoni tal-Udituri – Sena Finanzjarja 2013 (F/1/2/Vol IX)

8.2. Is-Segretarju rrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2013, kif ukoll għall-abbozz tat-tweġiba mħejjija minnu, liema dokumenti ntbagħtu lil kull kunsillier qabel is-seduta.

8.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għas-sezzjoni 4.1. tar-rapport tal-udituri u kkummenta li mhux l-obbligu tal-i*staff* tal-Kunsill li jagħmilha ta' investigatur li jidħol f'daqshekk dettal tant li joqgħod iqabbel in-numri tal-VAT ta' kull min jagħtih xi servizz.

8.4. Is-Sur C. Bartolo rrefera wkoll għas-sezzjoni 4.4 dwar l-ispejjeż ta' Jum il-Kunsill. Huwa qal li l-ispiża ta' €1,100 kienet tinkludi l-użu tal-faċilitajiet fejn saret is-serata tal-preżentazzjoni tal-unuri, kif ukoll s-seminar li sar l-għada *(Mellieħa Business Forum),* flimkien mal-bibita` li saret wara.

8.5. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba, li ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 9.1. Sigurta` fi Ġnien il-Qigħan (P/2/1)

9.2. Is-Segretarju aċċenna għall-aħħar rapport li sar mill-MCCAA fl-2013 dwar is-sigurta` fil-*playgrounds* tal-Mellieħa. L-istess rapport indika li fost in-nuqqasijiet li fadal jiġu trattati fil-post imsemmi huma ż-żurżieqa, is-*see saw* u t-tapiti madwarhom li għadhom medda żgħira wisq li ma tkoprix waqgħat minn ċertu għoli. Inġibdet ukoll l-attenzjoni li waħda mill-molol li saru aktar riċenti, m'għandha tapit xejn. Is-Sur C. Debono rrakkomanda li ż-żurżieqa għandha titneħħa b'mod immedjat, minħabba s-sadid li ħareġ minnha. Huwa kompla jgħid li biex dawn in-nuqqasijiet jiġu trattati jeħtieġ li ssir rijalokazzjoni tal-fondi fl-estimi 2014 u ssir sejħa għall-offerti.

9.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li kemm-il darba jitneħħa l-*play equipment* li huwa meqjuż perikoluż, għandha titwaħħal tabella fuq il-post, fejn il-pubbliku jiġi mgħarraf li l-Kunsill ser ikun għaddej bit-tħejjijiet biex jiġi nstallat ieħor ġdid.

9.4. Is-Sindku ppropona li minflok ż-żurżieqa u s-see saw għandha ssir *play equipment* fejn it-tfal jistgħu jixxabtu u jiżżerqu, li jkun magħmul mill-plastik jew injam, bit-tapit, madwaru fuq medda proporzjonali mal-għoli tal-istess tagħmir. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jsir tapit addattat madwar il-molla eżistenti.

9.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 8.2. u għaldaqstant ġie deċiż li għandu jsir *bill of quantities* bil-għan li issir sejħa għall-offerti. Il-Kunsill qabel ukoll li l-*play equipment* eżistenti għandu jitħalla sakemm jiġi nstallat il-ġdid. Kien hemm qbil ukoll li l-bandli l-oħra għandhom jitħallew, iżda ssir manutenzjoni fuqhom skont il-ħtieġa.

## 10.1. Użu tal-*Multi-Purpose Court* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

10.2. Is-Sindku għarraf illi riċentement sar magħruf li qed ikun hemm persuna jagħmel sessjonijiet ta' taħriġ fit-tennis bi ħlas. Meta dan ġie kkuntattjata, kien hemm magħha diriġenti mill-Mellieħa Tritons, li qalu l-persuna konċernata kif issieħbet mal-istess klabb u għalhekk kellha il-jedd tuża l-faċilitajiet mingħajr ħlas, peress li huwa parti minn għaqda sportiva bbażata fil-Mellieħa.

10.3. Is-Segretarju qal ukoll li l-kustodju nkarigat mill-Park, ġibed l-attenzjoni li l-ħinijiet stipulati fil-kuntratt għall-perjodu Ġunju/Ottubru għandhom jiġu aġġustati kif jidher hawn taħt:

| Xahar | Ħin stipulat fil-Kuntratt | Ħin propost |
|---|---|---|
| Ġunju; Settembru; Ottubru | 6.00pm-11.00pm | 5.00pm-10.00pm |
| Lulju; Awwissu | 6.00pm-11.00pm | 6.00pm-11.00pm |

10.4. Filwaqt li l-Kunsill approva l-aġġustament tal-ħinijiet tal-kustodju, kif propost fil-minuta 8.3. aktar 'il fuq, iddeċieda li jkompli d-diskussjoni dwar l-użu tal-*multi-purpose court* waqt il-kontinwazzjoni tas-seduta.

## 11.1. Titjib ta' Toroq Rurali taħt il-Miżura 125 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) (P/10/5)

11.2. Is-Segretarju għarraf li is-sejħa għall-offerti 2/2014 sabiex jitjiebu t-toroq rurali tal-Qammieħ, u oħrajn f'Wied Musa u f'Ta' Msid għalqet fis-16 ta' Mejju 2014. Ir-rispons għal din is-sejħa kien hekk:

| Offerent | Prezz Totali |
|---|---|
| Central Asphalt Ltd | €25,076 |
| Bonnici Bros. Ltd | €31,311 |
| Cross Roads Co-Op Ltd | €29,854 |
| Calabrone Ltd | €28,856 |

Is-Segretarju għarraf ukoll li s-sottomissjonijiet li saru ġew mgħoddija lill-*Contracts Manager* sabiex jagħmel ir-rapport tekniku qabel issir l-aġġudizzjoni tal-offerti li saru.

11.3. Il-Kunsill inotta t-tagħrif mogħti.

## 12.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2014 (F/1/1/Vol II)

12.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

12.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 13.1. Nomini għall-ħatra ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

13.2. Il-Kunsill iddeċieda li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett għandha titħalla għat-tieni parti tas-seduta.

## 14.1. Proġett PIM EnergEthica (P/10/22)

14.2. Is-Segretarju għarraf illi fl-20 ta' Mejju 2014 saret laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-proġett f'Palermo, li għaliha attendew l-imsieħba kollha, bl-eċċezzjoni tal-Wasteserv (Malta) Ltd li ddikjaraw l-irtirar tagħhom mill-istess proġett, aktar kmieni. L-għada saret laqgħa oħra mal-*Managing Authority*, f'Palermo stess fejn il-proposta ġiet aċċettata bil-għan li proġett ma jieqafx u l-imsieħba jkollhom iroddu l-flus minfuqa. Aktar tard irriżulta li l-imsieħeb il-ġdid huwa l-Comune di Palazzolo Acreidi. F'dan l-istadju jeħtieġ li ssir applikazzjoni ġdida, li tkun tfisser ukoll li l-baġit tal-Mellieħa ser jonqos minn €210,000 għal €151,000, u d-differenza sejra għand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Maltija u l-GAL Val D'Anapo. L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa sat-30 ta' Mejju 2014 u sussegwentement ser tiġi evalwata mill-*Managing Authority*.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2013 (F/1/7/Vol III)

15.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li d-Dipartiment tal-Kummerċ għadda l-bilanċ ta' €4,000 li kien fadal fuq il-premju ta' €10,000 għall-edizzjoni 2013. Huwa qal li dan tħallas fis-16 ta' Mejju 2014.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 16.1. Korsijiet organizzati mill-Kunsill (E/3/1/11)(E/3/1/8)(E/3/13)

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-kors tal-*aerobics* iffinanzjat mid-Dipartiment tas-Saħħa ser jintemm fl-aħħar ta' Mejju, iżda l-istudenti li qed jattendu wrew ix-xewqa li jkollhom seba' sessjonijiet oħra sal-aħħar ta' Gunju. Dan ser jinvolvihom ħlas ta' €25 kull persuna..

16.3. Rigward il-lezzjonijiet tal-*line dancing* li qed isiru fis-Sala tal-Kunsill kull nhar ta' Ħamis, hemm ix-xewqa li dawn jitkomplew matul is-Sajf bil-prezz ta' €3 kull sessjoni li jsir. Is-Sinjura Brincat Stellini għarfet ukoll li s-sessjoni taż-żfin żumba bdew fil-Park tal-Familja.

16.4. Fid-9 u l-10 ta' Mejju 2014, il-Malta Sailing Accademy tat żewġ lezzjonijiet sabiex wieħed jottjeni l-liċenzja nawtika. Il-pjan kien li jkun hemm żewġ gruppi, li ngħaqdu f'wieħed. Dawn saru fis-Sala tal-Kunsill.

16.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Pubblikazzjoni ta' Antoloġija minn Marija Grima (P/3/5)

17.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarrfet li l-awtriċi Marija Grima għarfitha li hija għandha l-intenzjoni li tippubblika antoloġija ta' peożiji bil-Malti. Peress li dawn attwalment huma miktuba bl-idejn, hija appellat għall-għajnuna tal-Kunsill sabiex dawn jiġu ttajpjati f'forma diġitali ħalli jkunu jistgħu jingħataw lill-istampatur.

17.3. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku C. Bartolo, kien hemm qbil li għandu jsir kuntatt mal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti.

## 18.1. Inizjattiva "Arti fil-Misraħ" (A/5/5/Vol IV)

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-edizzjoni ta' din is-sena li ser tkun bejn Lulju u l-bidu ta' Settembru, jiġi nkluż fiha wkoll id-daqq ta' mużika minn elementi mill-għaqdiet mużikali tal-Mellieħa. Hija appellat ukoll li jinstab kuntrattur li jkun jista' jipprovdi servizz sabiex jiddawwal il-post.

18.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 19.1. Qari mit-tfal għall-anzjani (A/1/2/Vol VII)

19.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini pproponiet li jiġu organizzati sessjonijiet ta' qari mit-tfal għall-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Hija qalet li din l-inizjattiva għandha tagħti ġost lill-anzjani, filwaqt li tgħin lit-tfal fl-iżvilupp tal-karattru tagħhom. Intqal ukoll li

kemm-il darba l-Kunsill jaqbel, hija tkun tista' tikkuntattja lill-Kap tal-Iskola Primarja, kif ukoll id-diriġenti tad-Dar.

19.3. Il-Kunsillier J. Attard qal li huwa jaqbel mal-inizjattiva u kkummenta n-numru ta' tfal li jidħlu għal din l-inizjattiva mhux neċessarjament ikun kbir, anzi jkun wisq aħjar jekk ikun grupp żgħir li jkun motivat. Huwa qal li xogħol volontarju ta' din it-tip jittieħed in konsiderazzjoni fiċ-ċertifikat li jingħataw meta jħallu l-iskola fi tmiem is-Sitt Sena.

19.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 20.1. Dħul ta' vetturi f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (T/3/2/Vol IX)

20.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-*bollards* f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa qed ikunu mniżlin bir-riżultat li qed jidħlu l-vetturi, anke dawk tat-tiġijiet.

20.3. Is-Segretarju wieġeb, li għall-ewwel kien maħsub li kien hemm ħsara fir-*remote control*, iżda minn investigazzjoni li saret irriżulta li l-ħsara kienet fil-*controller* li hemm imwaħħal mal-ħajt tal-Għassa tal-Pulizija. Sakemm saret din l-investigazzjoni u waslu l-i*spare parts* minn barra, għaddew xi jiem meta l-*bollards* baqgħu mniżlin waħedhom. Is-Sur C. Debono qal li s-sitwazzjoni ġiet għan-normal dakinhar stess tas-seduta, fis-27 ta' Mejju meta nġieb *controller* ġdid.

20.4. Il-Viċi Sindku qal li għandu jiġi verifikat dwar jekk is-sistema tippermettix li kemm-il darba, il-*bollards* ma jittellgħux bir-*remote control*, dawn jitilgħu waħedhom wara ċertu ħin.

20.5. Is-Sindku kkummenta li fl-24 ta' Mejju 2014, billi l-bollards kienu mniżlin iddaħħlu diversi vetturi tat-tieġ fil-misraħ minħabba li fis-Santwarju kien hemm Quddiesa ta' tieġ. Huwa qal li ċempell lis-Supretendent tal-Pulizija, iżda sfortunatament ma kien hemm l-ebda uffiċjal fl-għassa, peress li kien hemm l-votazzjoni għall-Parlament Ewropew. Is-Sur J. Buttigieg qal li dawn is-sitwazzjonijiet qed jimbarazzaw lill-Kunsill mal-pubbliku, u fil-fatt dakinhar stess daħal ilment permezz tal-imejl akkumpanjat bir-ritratti.

20.6. Il-Kunsill talab lis-Segretarju jindaga mal-fornitur tas-sistema sabiex isir magħruf dwar jekk is-sistema tistax jiġu ssettjat bil-ħin.

## 21.1. Ħarġa Nru. 54 tal-magazin "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol V)

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li l-ħarġa li jmiss ser tidher lejn l-aħħar ta' Ġunju 2014 u għalhekk stieden lill-Kunsillieri kollha sabiex jgħaddu l-kontribuzzjonijiet tagħhom dwar l-inizjattivi li qiegħdin jittieħdu, sal-31 ta' Mejju.

21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### AĠĠORNAMENT

L-ewwel parti tas-Seduta spiċċat fil-10.30pm u ġie miftiehem li l-kontinwazzjoni tagħha ssir nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2014 fis-6.30pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**